MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1708/1998/1

**Gerald Bugeja**

**vs**

**David Gatt**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Mejju 2002, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' seba mija wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm781.85) rappresentanti din is-somma hsarat kagunati fil-vettura tal-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh

nhar it-27 ta’ Lulju 1998 gewwa Triq iz-Zonqor, M Scala bejn il-vettura KAM 846 misjuqa mill-attur u l-jib tal-vettura AAG-683 misjuqa mill-konvenut u dan stante li l-istess incident awtomobilistiku sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Lulju 1998 u l-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 16 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet (fol 68 u 53 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-incident in esami gara f’Triq iz-Zonqor, Wied il-Ghajn u kien jinvolvi “truck” numru KAM 846 misjuq mill-attur u “crane” numru AAG 683 li kien qed jigi mcaqlaq mill-konvenut sabiex jitpogga fil-post tax-xoghol ta‘ bini. Kif jidher mill-kopja tar-<u>rapport u tal-iskizz</u> esebiti in atti minn PS 132 <u>Joseph Camilleri</u> (fol 27 sa 33 u fol 40 ibid), il-vettura msemmija misjuqa mill-attur kienet qed tipprocedi fl-istess triq meta habtet mal-“jib” tal-istess” “crane” b’tali mod li l-kabina tal-istess “truck” tqacctet minn postha. Hawnhekk ghandu jinghad li dan il-kaz seta’ kellu konsegwenzi gravi hafna kieku l-attur ma tbaxxiex ftit qabel l-impatt. Jinghad ukoll li l-attur, aktarx, kien jkollu, almenu, feriti gravi kieku kien qed juza s-“safety belt” li kien jimpedieh milli jitbaxxa. Inoltre x-xhud qal li fil-hin tal-incident “ix-xemx tkun faccata”.

Ikkunsidrat

Illi, l-attur, meta xehed, (fol 21 u fol 41 tal-atti) qal li kien qed jsuq bil-mod u kif kien qed jhares quddiemu, hu ra l-"crane" involut fuq ix-xellug waqt li kien qed jigi ndjetreggat mill-konvenut, bil-"gib" "mahrug il-barra" u "f'nofs it-triq f'livell ta' ftit izjed il-fuq mill-kabina tat-trakk tieghu" minghajr ebda sinjal. Hu kien ra dan vicin hafna tieghu u ghalhekk ghafas il-"brake" u baxxa rasu. Cjononostante, hu habat mal-mazzra tal-istess "crane", li kienet imnizzla. Hu semma ukoll li f'dak il-mument, ix-xemx kienet qed ittellfu xi ftit u minhabba hekk kellu il-"visor" ta' quddiem imnizzel.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 44 ibid), spjega li meta grat il-habta in esami, hu kien qed jhares lura waqt li kien qed jindjetregga l-istess "crane". In rigward dan hu semma' li waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra

a) il-parti ta' quddiem tal-"gib" twila xi tlett piedi li tinqala u titpogga mal-genb, kienet di gja armata u filfatt, kellha tul ta' erbgha u ghoxrin pied (24') u gholi, mill-livell tat-triq ta' ghaxar (10) filati (ara fol 45 tal-atti).

b) ma kien hemm ebda sinjal fuq il-istess gib bhal, per ezempju, bandiera u;

c) waqt din il-manuvra hu kien wahdu.

Ikkunsidrat

Illi, mill-analisi tal-provi kif esposti, jidher li :-

a) l-attur ma kellu ebda responsabilta ta' dan l-incident. Difatti ma irrizulta xejn mill-istess prova li jista' jindika li l-attur kien, b'xi mod, negligenti fis-sewqan tieghu. Qabel l-incident jidher li kien qed jsuq bil-mod u bil-"visor" ossija "screen" imnizzel minhabba x-xemx li kienet faccata tieghu.

b) In rigward il-konvenut, pero', dan ikkrea ostakolu ghall-attur permezz tal-manuvra li kien qed jaghmel bl-imsemmi gib, kollu kemm hu armat; u estiz inkluza dik il-parti, twila madwar tlett piedi, li setghet titpogga mal-genb waqt li qed jaghmel il-manuvra kif deskritta (ara ukoll il-Kodici tas-Sewqan kif citat u applikat ghal dan il-kaz a fol 49 u 50 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher evidenti li r-responsabilta ghal dan l-incident trid tigi interament akkolata lill-konvenut minhabba dak li ghadu kemm gie premess.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperijza, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni, li giex kontestat waqt dawn il-proceduri, fis-somma ta' Lm781.85,0 u;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm781.85,0 bl-imghax legali mill-4 ta' Settembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-31 ta' Lulju 1998."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Huwa jqanqal zewg obbjezzjonijiet kontra s-sentenza appellata. L-ewwel nett, illi l-ewwel Qorti ma tatx interpretazzjoni korretta tal-principji tad-dritt li jghoddu ghal kaz. Fit-tieni lok, illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbilancjat tal-fatti tal-kaz u dan wassal ghal konkluzjoni erronea in meritu ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni tar-responsabilita`.

Il-fatti li pprecedew u taw lok ghall-kawza, u allura anke ghal dan l-appell, huma brevement dawn:-

1. Fl-Affidavit tieghu (fol 21) l-attur, li kien qed isuq trukk, jghid li hin minnhom quddiemu jilmah “crane” bil-“jib” tieghu mahrug il-barra. Dak il-hin id-distanza tieghu mill-jib kienet xi hames (5) piedi. Malli nduna bih, ghafas il-brake u baxxa rasu (Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol 41). Huwa jghid ukoll illi l-jib kellu l-mazzra mnizzla u kien ma' din li habtet il-kabina tat-trukk. Jistqarr ukoll illi ftit jew wisq kienet qed ittellfu x-xemx u ghalhekk kellu l-visor imnizzla.
2. Jirrizulta illi fil-hin ta' qabel l-impatt il-crane kien ‘in motion’ billi kien qed jaghmel manuvra ta' “reversing”. Dan hu konfessat ukoll mill-konvenut (fol 44). Jghid li waqt li kien qed jirriversja hu kien qed isegwi din il-manuvra billi jhares lura. Jghid ukoll illi meta jkun isuq fit-triq il-parti ta' quddiem tal-jib tinqala' u titpogga mal-genb pero` meta nqala' l-incident din il-parti kienet diga` armata (fol 45). Jammetti wkoll illi l-jib ma kellu l-ebda bandiera u hu ma kellu l-ebda persuna tassistih waqt il-process tar-‘reversing’ tal-crane.

L-appellanti jimmotiva l-posizzjoni minnu assunta illi l-htija kellha tigi addebitata lill-attur appellat u mhux lilu fuq il-konsiderazzjoni bazika illi dan naqas li jzomm “proper lookout” ta' dak li kien ‘in plain view’. Ghalih il-kagun u l-effett kawzali tal-incident ma kienx il-posizzjoni tal-jib tal-crane izda tal-fatt illi l-vizwali tal-attur kienet ostakolata bix-xemx.

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi “min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti” (**Kollezz. Vol XXX pIII p142**).

B'danakollu, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija. B'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova anke l-htija, u allura jkun dmir ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda. Ara f'dan is-sens decizjoni a **Vol XXIV pI p893**. Ghal din il-Qorti l-kaz prezenti hu wiehed minnhom.

Hi l-fehma konsiderata tal-Qorti illi l-konvenut appellant ma rnexxielux jiskolpa ruhu mill-addebitu ta' htija ghall-incident. Il-fatti traskritti fl-inkartament juru illi, konsiderati c-cirkostanzi kollha relattivi flimkien, tezisti prova sufficcjenti tan-negligenza fl-appellant ghal mod kif kien qed jinsaq il-crane. Dan huwa desumibbli mill-provi illi huwa kien qed jimmanuvra fit-triq vejikolu ta' certu kobor u piz, bil-parti ta' quddiem tal-jib, ossija l-mazzra, mwahhla f'postha flok mqeghda fil-genb. Hu stess kien konxju tal-fatt illi meta jsuq fit-triq il-mazzra titqieghed in disparte. F'dan il-kaz huwa naqas li jiehu din il-prekawzjoni. Kif naqas ukoll li jassikura illi waqt li l-attenzjoni tieghu kienet okkupata fuq il-process tar-reversing ikollu terza persuna, jew senjalazzjoni cara, li tassistih dwar dak li kien qed isehh quddiemu.

Jigi rilevat illi daqskemm hu prezunt li sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm "proper look out", daqstant iehor kellu jkun prezunt li sewwieq ta' vettura pezanti u ta' certu kobor ikun ikkontribwixxa ghall-incident meta johloq ostakolu inaspettat f'arterja transitabbli tat-triq, u b'mod li tissorprendi u tohloq emergenza lil sewwieqa ohrajn.

Huwa veru illi l-ebda negligenza ma tista' titqies gustifikabbli tant li hu pacifikament akkolt ukoll illi "n-negligenza ta' road user wiehed ma tiggustifikax in-negligenza ta' road user iehor jekk dan seta' jevita l-konsegwenzi ta' dik in-negligenza, u kolpozament ma evitahomx" ("**Il-Pulizija –vs- Giuliano Calleja** a **Vol XXX pIV p616**). F'dan il-kaz pero` din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti, ma tirravvisa l-ebda negligenza bhal din fil-mod tas-sewqan tal-attur appellat, li ha anke l-mizuri biex ma jkunx disturbat mix-xemx.

Spiss drabi f'kazijiet bhal dawn il-partijiet u l-Qrati jirrikorru ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti li jghoddu ghal kaz partikolari. Dan anke ghaliex dawn l-istess regolamenti huma r-rizultat ta' normi precizi suggeriti mill-principju baziku u centrali tad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja. Proprju biex jigu evitati skontri u jkun assikurat illi t-triq

tkun hielsa u minghajr ostakoli. Jidher li l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kien bazat fuq l-osservanza illi l-appellant ma segwiex din ir-regola bazika u ma kienx sufficcjentement prudenti u diligenti.

L-akkuza tal-appellanti illi l-attur ikkalkola hazin l-gholi tal-jib tal-crane ma tnehhiex u lanqas minimament tnaqqas il-kolpevolezza tieghu meta, kif manifest, kien hu li pprovoka l-impatt. L-aggravji allura ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a kariku tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------